MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 1565/2004

**SMS Insurance Agency Limited**
**vs**
**Ray Gatt u Angelic Mifsud**

Numru
Talba Numru 1565/2004

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta` attrici talbet hlas tas-somma ta' tlett mija tlieta u tletin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm333.70) rapprezentanti hlas ghall-polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici fuq fond 46C Hompesch Road Zabbar bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut Angelic Mifsud li permezz taghha qal li hu ma ta l-ebda inkarigu lis-socjeta attrici u li mhux debitur taghha.

Ra l-konvenut Ray Gatt ghalkemm notifikat fis-16 ta' Ottubru 2004 ma pprezentax risposta pero deher fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2006 u ta x-xhieda tieghu.

Ra x-xhieda u d-dokumenti prodotti.

Sema t-trattazzjoni tad-difensur tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi mill-atti jirrizulta ampjament li s-socjeta attrici harget polza ta' assigurazzjoni fuq il-fond 46C Hompesch Road Zabbar u li f'din l-assigurazzjoni l-*policy holders* kienu z-zewg konvenuti. Dawn il-fatti irrizultaw mhux biss mix-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta attrici u mid-dokumenti esebiti minnhom, imma anke mix-xhieda taz-zewg konvenuti stess.

Il-konvenuti riedu din il-polza ta' assikurazzjoni, harget f'isimhom it-tnejn biex tkopri fond fejn huma t-tnejn flimkien kienu qed jiggestixxu negozju. Kienu konxji li s-socjeta attrici fil-fatt hargitha din il-polza u li kienet hargitha f'isimhom it-tnejn u mhux f'isem is-socjeta li kienu jigestixxu flimkien.

Tant il-konvenuti kienu jafu li l-polza harget u li huma kellhom jhallsu ghaliha li kienu hargu cheque qabel Lulju 2002 ghall-istess ammont pretiz mis-socjeta attrici permezz ta' din il-kawza. In  oltre saret *claim* lis-socjeta attrici taht din il-polza ghal hsarat li allegatament sofrew il-konvenuti, fil-fond kopert bil-polza, minhabba perkolazzjoni ta' ilma.

Il-konvenuti ghamlu diversi allegazzjonijiet fil-konfront ta' xulxin dwar dan l-incident u min minnhom fil-fatt ghamel il-claim; saru anke allegazzjonijiet mill-konvenut Mifsud fil-konfront tas-socjeta attrici. It-Tribunal pero huwa tal-fehma li dawn l-allegazzjonijiet huwa kompletament rrilevanti ghat-talba attrici u f'nuqqas ta' xi kontro talba da parti tal-konvenuti, ikun ezercizzju inutli li dawn l-allegazzjonijiet jigu kunsidrati.

In vista tas-suespost u tal-fatti kif jirrizultaw mill-atti proceswali t-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju li l-ammont pretiz mis-socjeta attrici huwa dovut, u li z-zewg konvenuti huma solidalment responsabbli ghall-hlas tieghu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi fil-waqt li jchad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Angelic Mifsud, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna liz-zewg konvenuti jhallsu s-somma tlett mija tlieta u tletin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm333.70) bl-imghax mill-11 ta' Awissu 2004 u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------